**18 ta' Novembru, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

John Lateo *et*

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Libertà ta' Espressjoni – Pjazza – Triq – Wirja – Persuna – Enti Morali – Korp**

*Ir-rikorrent, għaqda ta' studenti riedu jagħmlu wirja fi pjazza biex jippromwovu l-idejat tagħhom. Il-Pulizija ma ppermettietx din il-wirja. Għalhekk l-għaqda ilmentat li ġie lilha vvjolat id-dritt tal-libertà ta' espressjoni. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba tar-rikorrenti. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Persuna intitolata għad-dritt tal-libertà ta' espressjoni tista' tkun ukoll korp jew enti morali. It-tgawdija ta' dawn id-drittijiet m'hix limitata għal persuni fiżiċi.*

*Il-fatt li bil-wirja setgħet tiġi ingumbrata xi ftit parti minn pjazza ma kienx jiġġustifika ċ-ċaħda tad-dritt li ssir tali wirja billi b'dak il-mod kienu jiġu leżi d-dritt tal-libertà ta' espressjoni tar-rikorrent.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' l-imsemmija John Lateo u George Pullicino *nomine* ppreżentat fil-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili li bih, wara li ppremettew:

1. Illi l-għaqda Studenti Demokristjani SDM, li għandha bħala motto "Fil-Ġustizzja Soċjali nħarsu d-demokrazija" għandha fost l-għanijiet: (i) li tnissel kuxjenza dwar problemi soċjali fost l-istudenti Maltin; (ii) li tgħaqqad flimkien l-istudenti demokristjani ta' Malta u fosthom u permezz tagħhom ixxerred l-ideat u l-ideali Demokristjani;

2. Illi bil-għan li "ixxerred l-ideat u l-ideali Demokristjani" l-għaqda ddeċidiet li tagħmel wirja ta' xi ħames *Boards* fil-11 ta' Ottubru, 1983 għall-ftit sigħat fil-għodu, fil-ġenb ta' Misraħ G. Debono (ħdejn in-*New Lyceum*), fejn ma jista' jiġi kkawżat ebda ostakolu għat-traffiku;

3. Illi fis-6 ta' Ottubru, 1983 l-esponenti kitbu lill-Pulizija

biex jinformawha bil-wirja ppjanata;

4. Illi l-intimat, għalkemm ma kienx ġie mitlub ebda permess (għax il-liġi ma tirrikjedi l-ebda permess irrisponda billi rrifjuta t-"talba" tar-rikorrenti *"on grounds of policy"* (Dok. A);

5. Illi dan l-aġir abbużiv ta' l-intimat jikkostitwixxi ksur tad-dritt tal-libertà ta' l-espressjoni protett mill-artikolu 43 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; l-istess rikorrenti *nomine* talbu li din il-Qorti jogħġobha tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq l-esponenti fi tgawdija tad-dritt fundamentali tagħhom tal-libertà ta' l-espressjoni, fosthom li tiddikjara lill-intimat ħati ta' ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tiddikjara nulla u bla ebda effett l-avviż Dokument A; Bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-intimat, il-Kummissarju tal-Pulizija li biha ssottometta:

Illi preliminarjament it-talba tar-rikorrenti kif inhi magħmula għandha tiġi miċħuda billi d-dritt ta' espressjoni jappartieni lill-membri individwali komponenti l-Għaqda tagħhom u mhux lill-Għaqda *"ad hoc"* li bħala tali ma għandha ebda espressjoni x'tagħmel. L-Għaqda hija l-mezz biex l-individwi li jikkomponuha jużaw biex jesprimu l-ħsieb tagħhom, u jekk ġie leż xi dritt ta' xi individwu dak l-individwu u mhux l-Għaqda tiegħu ġiet leża;

Bla preġudizzju tal-premess l-esponenti bl-ebda mod ma kiser id-dritt fundamentali tal-libertà ta' l-espressjoni tar-rikorrenti *stante* li l-bankini tat-toroq u postijiet simili bħal pjazez

*m'humiex intiżi għall-skopijiet ta' wirjiet politiċi* imma huma intiżi għall-użu normali tal-pubbliku u huwa fl-interess ta' l-ordni pubblika li tali lokalitajiet ma jiġux ristretti b'wirjiet ta' għamla politika;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili fl-14 ta' Settembru 1984 li biha dik il-Qorti, prevja li ċaħdet iż-żewġ eċċezzjonijiet ta' l-intimat, iddikjarat li r-rifjut tal-Kummissarju *tal-Pulizija biex issir il-wirja msemmija jilledi* d-dritt tal-libertà ta' espressjoni tar-rikorrenti *nomine* u għalhekk iddikjarat bħala null u bla effett id-Dokument A a folio 3 tal-proċess *stante* li ġie maħruġ bi ksur ta' l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta – bl-ispejjeż kontra l-intimat u dana wara li kkunsidrat:

Illi l-Għaqda SDM – Studenti Demokristjani kienet *iddeċidiet li żżomm wirja ta' xi ħames "boards" (kull wieħed* ta' daqs ta' madwar metru b'żewġ metri) "li jittrattaw l-idejal it-twemmin u l-attivitajiet" tal-SDM. Ġie deċiż li l-wirja tinżamm fil-11 ta' Ottubru 1983 bejn l-9.45 a.m. u s-2.00 p.m. fil-ġenb ta' Misraħ Ġ. Debono l-Imsida ħdejn in-"*New Lyceum*" u fejn it-traffiku ma jkunx ostakolat. L-Għaqda infurmat lill-pulizija bil-għan tagħha permezz ta' ittra ddatata 6 ta' Ottubru (Dok. Ċ). Il-Pulizija b'ittra ddatata 10 ta' Ottubru (Dok. A) irrispondiet li t-talba ma tistax tiġi milqugħa "*on grounds of Policy*". Waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża rriżulta li l-Pulizija kienet iddeċidiet li ma tħalli lil ħadd iżomm wirjiet simili mkien biex it-toroq jinżammu "kemm jista' jkun" bla ostakoli fihom. Fil-fatt, il-Pulizija kienet irrifjutat li tħalli li ssir wirja oħra preċedenti u l-każ kien spiċċa l-Qorti fejn "*inter alia*" kienu inizjati proċeduri li kienu għandhom preżenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Fil-każ odjern, l-għaqda rikorrenti ddeċidiet li

ma żżommx il-wirja *in vista* tar-risposta li rċeviet mingħand il-Pulizija u intavolat dawn il-proċeduri bl-iskop li l-Qorti twettaq l-Għaqda fit-tgawdija tad-dritt fundamentali tagħha tal-libertà ta' l-espressjoni protett mill-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li l-Għaqda ssostni li ġie miksur mill-intimat fil-konfront tagħha. Illi min-naħa tiegħu, l-intimat isostni li ma kisirx dan id-dritt għax kien meħtieġ fl-interess ta' l-ordni pubblika li lokalitajiet pubbliċi ma jiġux ristretti b'wirjiet ta' għamla politika. Inoltre l-intimat ta eċċezzjoni preliminari fis-sens li t-talba kif magħmula għandha tiġi miċħuda billi d-dritt ta' espressjoni jappartjeni lill-membri individwali komponenti l-Għaqda u mhux lill-Għaqda "*ut sic*" li bħala tali ma għandha ebda espressjoni x'tagħmel;

Illi din l-aħħar imsemmija eċċezzjoni, li tinvolvi l-kwistjoni jekk Għaqda, assoċjazzjoni, soċjetà u ċjoè enti morali għandhiex jew jistax ikollha jew le d-drittijiet u libertajiet fundamentali elenkati fil-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni ta' Malta u partikolarment id-dritt għall-protezzjoni tal-libertà ta' espressjoni protett mill-artikolu 42, evidentement trid tiġi kkunsidrata fl-ewwel lok;

Illi l-intimat isostni li l-imsemmija drittijiet u libertajijet fundamentali huma inerenti għall-persuna umana u bħala tali ebda wieħed minnhom ma jista' jappartjeni lil xi enti morali bħal ma hija l-Għaqda SDM. Dawk id-drittijiet u libertajiet fundamentali jappartjenu biss lill-membri individwali komponenti l-Għaqda u mhux lill-Għaqda stess bħala Korp Morali. Huwa elenka d-drittijiet imsemmija fl-imsemmi Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni li huma deskritti fil-Kostituzzjoni bħala appartenenti l-"individwu" u argumenta li Korp morali qatt ma ngħata dawk id-drittijiet. Hu qal li kien veru li fl-

*Interpretation Act*, 1975 fl-artikolu 4 (d) hemm ipprovdut li l-kelma "persuna" f'liġi "tinkludi għaqda jew korp ieħor ta' persuni", però l-istess artikolu jikkwalifika din ir-regola billi jipprovdi l-frażi importanti "kemm-il darba ma jkunx jidher ħsieb kuntrarju". L-intimat enfasizza li jekk wieħed jara l-artikoli relevanti tal-Kostituzzjoni jsib li l-intenzjoni tal-leġislatur kienet li dawk id-drittijiet ikunu jappartjenu biss lill-"individwu" (liema kelma mhix interpretata fl-imsemmija *"Interpretation Act")* għaliex l-istess drittijiet jappartjenu fin-natura tagħhom lill-persuna umana u mhux li xi assoċjazzjoni li individwi jew l-Istat jistgħu joħolqu għal xi skop partikolari. In sostenn tat-teżi tiegħu l-intimat inoltre rrefera għad-deċiżjoni li ngħatat fis-17 ta' Diċembru 1968 mill-*European Commission of Human Rights in re* applikazzjoni No. 3789/68 fl-ismijiet ***"Church of X against the United Kingdom";***

Illi wara li ħasbet ħafna fuq din l-eċċezzjoni, din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li din l-eċċezzjoni ta' l-intimat hi fondata biss fil-konfront ta' wħud mid-drittijiet u libertajiet fundamentali elenkati fl-imsemmi Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni però ma tistax titqies li hi valida fil-konfront ta' dawk id-drittijiet u libertajiet kollha. Fi kliem ieħor, Korp morali jew għaqda, bil-Kostituzzjoni tagħha hi akkordata protezzjoni għal uħud biss minn dawk id-drittijiet fundamentali wħud minn dawk id-drittijiet ma jistgħu jkunu applikabbli qatt għall-persuna ġuridika jew enti morali għaliex tant huma personalizzati li evidentement huma applikabbli għall-persuna umana fiżika biss. Hekk, per eżempju, id-dritt protett bl-artikolu 34 (Protezzjoni tad-dritt għall-ħajja) hu applikabbli biss għall-persuna fiżika umana u mhux ukoll għall-persuna ġuridika. Huwa evidenti, li fil-konfront ta' wħud mid-drittijiet fundamentali, hija ħaġa faċli li tiddetermina "*a priori*" jekk dak id-dritt partikolari jkun jew le applikabblil għall-

persuna morali. Però, fil-konfront ta' oħrajn tali deċiżjoni mhix daqshekk faċli u kollox jiddependi fuq il-fattispeċji tal-każ partikolari meħuda in konsiderazzjoni d-dritt invokat u n-natura ġuridika partikolari tal-korp morali li jkun;

*Illi* din il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni wara li qieset is-segwenti konsiderazzjonijiet:

1. Illi din il-kwistjoni jidher li qamet l-ewwel darba fil-kawża li tressqet quddiem din il-Qorti fis-sede tagħha kostituzzjonali *in re* "Avukat Professur Joseph M. Ganado *nomine et nomine vs* Onorevoli Giorgio Borg Olivier *nomine* (Rikors Nru. 11 tas-sena 1969). Però, jidher li la din il-Qorti u lanqas il-Qorti Kostituzzjonali (li ddeċidiet il-każ fil-15 ta' Ġunju 1973) ma taw deċiżjoni speċifika fuq din il-kwistjoni li tidher li kienet b'xi mod sorvalata. Kien forsi għalhekk li d-difesnur tar-rikorrenti argumenta (ara fol. 41 *et seq)* li din il-kwistjoni ġiet deċiża b'mod indirett "favur it-teżi tiegħu";

2. Illi din il-Qorti (diversmaent ippresjeduta) kienet ċaħdet eċċezzjoni simili b'sentenza mogħtija fit-2 ta' Mejju 1984 *in re* "L-Avukat Tonio Borg *et nomine vs* Il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin *et*" fejn intqal hekk:

"It-tieni eċċezzjoni hija fis-sens li t-talba kif ifformulata għandha tiġi miċħuda, għaliex id-dritt ta' protezzjoni minn diskriminazzjoni jappartjeni lill-membri individwali komponenti l-Għaqda u mhux lill-Għaqda "*per se*". Anzi din l-eċċezzjoni m'hix sostenibbli. Huwa veru li d-dritt fundamentali invokat mir-rikorrenti huwa inkluż fil-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni li huwa intestat "Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' l-Individwu" (artikoli 36 sa 48). Però, huwa daqstant ieħor ovvju

u loġiku li l-espressjoni "*individual*" mhix użata b'mod esklussiv, jiġifieri b'mod li tinkludi biss persuni fiżiċi u teskludi persuni morali. Fil-fatt l-artikolu 38 jagħmel riferenza espressa, sebbene marġinali, għall-għaqdiet korporati u mhux korporati. Iżda jekk qatt seta' kien hemm xi dubju, dan ċertament spiċċa wara l-promulgazzjoni ta' l-att ta' l-1975 dwar l-Interpretazzjoni. Infatti l-artikoli 4(d) ta' dan l-att jgħid espressament li l-espressjoni persuna tinkludi Għaqda jew korp ieħor ta' persuni sew jekk dik l-għaqda jew dak il-korp ikunu persuna ġuridika jew jekk le";

3. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-aħħar imsemmi punt hu kardinali għall-kwistjoni taħt eżami u għalhekk u l-każ li jiżdiedu xi kummenti li jistgħu jkunu utili. Illi fl-ewwel lok, il-Kostituzzjoni stess tipprovdi fl-artikolu 126 *(inter alia)* għall-interpretazzjoni tagħha stess. Fost l-emendi li saru għall-Kostituzzjoni bl-att Nru. LVIII ta' l-1974, hemm l-emenda importanti tas-subartikolu 14 ta' l-imsemmi artkolu 126. Dan is-subartikolu jipprovdi hekk:

"**126(14):** Meta l-Parlament ikun b'liġi pprovda għall-interpretazzjoni *ta' atti tal-Parlament, id-disposizzjonijiet ta'* kull liġi bħal dik, ukoll jekk imfissra li jgħoddu għal-liġijiet mgħoddija wara l-bidu fis-seħħ tagħha, għandhom jgħoddu għall-finijiet ta' l-interpretazzjoni ta' din il-Kostituzzjoni, u xort'oħra relattivament għaliha, kif jgħoddu għall-fini ta' l-interpretazzjoni u xort'oħra relattivament għall-atti tal-Parlament bħallikieku din il-Kostituzzjoni kienet att tal-Parlament mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' kull liġi bħal dik: Iżda....";

Bis-saħħa ta' dan is-subartikolu, l-*Interpretation Act* li ġiet mgħoddija **wara** mill-Parlament (att Nru. VII ta' l-1975), hija applikabbli wkoll għall-Kostituzzjoni. Anzi, fl-interpretazzjoni

tal-Kostituzzjoni, wieħed bilfors li jrid jirreferi l-ewwelnett għall-imsemmija *Interpretation Act* bħala l-aqwa interpretazzjoni peress li mogħtija mill-leġislatur stess. Issa, fil-Korp tal-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni tintuża frekwentement il-kelma *"person"*, minkejja l-fatt li fl-intestatura ta' l-istess Kapitolu *("Fundamental Rights and Freedom of the Individual")* tintuża l-kelma *"individual"*. Din hija ċirkostanza sinifikattiva, u ċertament m'hix ħaġa loġika li tirritjeni li l-intestatura ta' Kapitolu jew ta' artikolu jista' jkollha l-effett li tillimita l-applikazzjoni jew il-portata tad-disposizzjonijiet ikkontenuti fl-istess Kapitolu jew artikolu, għax hi ħaġa naturali li l-iskop tal-liġi jista' joħroġ ferm aktar aħjar mill-kontenut kollu tal-Kapitolu jew ta' l-artikolu milli minn sempliċi intestatura. L-Interpretation act imsemmija ma tagħtix it-tifsir tal-kelma *"individual"* iżda tagħti it-tifsir tal-kelma *"person"*. Infatti fl-artikolu 4 tagħha jiddisponi hekk:

*"In this act and in every act whether passed before or after the commencement of this act, unless the contrary intention appears – .....;*

*(d) the expression "person" shall include a body or other association of persons, whether such body or association is corporate or unincorporate";*

Din id-disposizzjoni tal-liġi Maltija tixbah lil disposizzjonijiet simili ta' ġurisdizzjonijiet oħra. Hekk per eżempju nsibu fiċ-*chapter 1 (Rules of Construction )* tat-titolu 1 tal-***The Code of Laws of the United States of America:***

*"the words "person" and "whoever" include corporations, companies, associations, firms, partnerships, societies and joint stock companies as well as individuals";*

Ċertament, għalhekk, bis-saħħa ta' l-interpretazzjoni stess stabbilita mill-imsemmi artikolu 4 ta' l-*Interpretation Act, 1975,* drittijiet u libertajiet kollha elenkati fil-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni huma pjenament applikabbli għall-Korpi morali, ***"unless the contrary intention appears"***. Tali ħsieb kuntrarju jidher evidenti fil-konfront ta' serje sħiħa ta' drittijiet, fosthom id-dritt għall-ħajja, id-dritt tal-protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitrarja, id-dritt għall-protezzjoni minn xogħol furzat u minn trattament inuman li tant huma inerenti għall-persuna fiżika tal-bniedem li ċertament hu evidenti li qatt ma jistgħu jkunu applikabbli għall-persuni ġuridiċi. Drittijiet ta' natura xort'oħra (bħal per eżempju d-dritt ta' protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà bla kumpens sanċit fl-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni) huma, però, applikabbli wkoll għall-enti morali u persuni ġuridiċi korporati jew m'humiex għaliex ma tidher ebda raġuni valida li tindika li l-leġislatur kellu ħsieb kuntrarju fir-rigward. Anzi, wieħed jażżarda jirrimarka li, diversament, uħud mid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu IV ikunu kważi kompletament stultifikati anke fil-konfront ta' l-individwu li jkun membru ta' assoċjazzjoni, f'dawk il-każijiet kongruwi meta l-individwu singolu minħabba raġunijiet ta' natura prattika jista' jisfa bla ebda rimedju kieku l-assoċjazzjoni stess kellha titqies li ma tistax taġixxi f'isimha proprju għat-tutela ta' drittijiet fundamentali li jistgħu jkunu ġew leżi. Infatti, l-individwu jaggruppa ruħu ma' persuni oħra u jiffurmaw bejniethom assoċjazzjoni, preċiżament biex ikunu jistgħu jassiguraw li l-għanijiet komuni jkunu jistgħu jintlaħqu aħjar. Issa, f'każ li dritt fundamentali komuni jisfa miksur, tidher ħaġa mil-lewn id-dinja li l-assoċjazzjoni stess għandha taġixxi ġudizzjarjament għat-tutela ta' l-istess. Fil-fehma tal-Qorti, ikun ċertament kontro sens u tkun miżura retrograda li żgur li l-leġislatur ma ridhomx, li minflok, tirrikjedi li l-membri kollha ta' l-assoċjazzjoni għandhom

jaġixxu individwalment quddiem il-Qorti għat-tutela tad-dritt fundamentali li jkun ġie leż. Dan l-argument illum il-ġurnata jakkwista saħħa akbar, għaliex jekk fil-bidu tal-ġlieda għall-akkwist u t-tutela tad-drittijiet u libertajiet fundamentali, l-individwu kien *neċessarjament* iċ-ċentru ta' l-attenzjoni, iż-żminijiet tal-lum ġabu dimensjoni ġdida, anke għaliex l-individwu aktar u aktar qiegħed jaggruppa ruħu u jifforma assoċjazzjonijiet. U l-leġislatur Malti jidher li ħaseb għal dan l-iżvilupp ukoll, kif jixhed l-imsemmi artikolu 4(d) ta' l-*Interpretation Act, 1975;*

4. Illi quddiem it-Tribunali tagħna ġew intavolati diversi kawżi għat-tutela ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem minn assoċjazzjonijiet u persuni morali u soċjetajiet (fosthom per eżempju, il-kawża fl-ismijiet "Anthony Debono *nomine vs* Onorevoli l-Prim Ministru in rappresentenza tal-Gvern ta' Malta li ġiet deċiża mill-Onor. Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Ġunju 1984) u fihom ma kinitx ġiet issollevata ebda eċċezzjoni preliminari simili għal dik odjerna u ċjoè li assoċjazzjoni jew soċjetà mhix suxxettibbli għad-drittijiet fundamentali. Din iċ-ċirkostanza *"per se"* tista' ma tfisser xejn, però mhux eskluż li tista' tindika wkoll li hu terren komuni li korp morali jgawdi almenu xi wħud mid-drittijiet fundamentali msemmija;

5. Illi kif intqal aktar qabel, l-intimat biex isaħħaħ it-teżi tiegħu fil-kawża odjerna, irrifera lil din il-Qorti għad-deċiżjoni mogħtija fis-17 ta' Diċembru 1968 mill-*European Commission of Human Rights* fl-ismijiet *"Church of Scientology of California vs the United Kingdom"*. Din il-Knisja allegat *"inter alia"* l-ksur tad-drittijiet fundamentali **tagħha** protetti fl-artikoli 6, 9, 13, u 14 tal-*"European Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms"* (**mhux** id-dritt għall-

protezzjoni tal-libertà ta' espressjoni). It-talba ta' din il-Knisja ġiet miċħuda mill-Kummissjoni f'deċiżjoni li ġiet ikkritikata ħafna minn bosta awturi awtorevoli fuq is-suġġett fosthom Francis C. Jacobs (ara ***The European Convention on Human Rights***, 1975 paġna 148). Però, l-istess Kummissjoni ma waslitx biex tgħid li l-Knisja bħala persuna ġuridika kienet inkapaċi li teżerċita jew li jkollha d-drittijiet fundamentali kollha tal-bniedem (kif donnu jallega l-intimat) iżda qalet biss li dik l-enti morali bħala tali ma kellhiex **ċerti** drittijiet. Infatti, b'riferenza għad-dritt sanċit fl-artikolu 6 tal-"*Convention*" li jikkontjeni disposizzijonijiet biex jiżguraw il-protezzjoni tal-liġi) il-Kummissjoni qalet preċiżament hekk:

*"it is clear that the procedural rights guaranteed under this provision may be had and exercised by a legal as well as a natural person";*

Din l-istqarrija partikolari tal-Kummissjoni mhux biss ma tissufragax it-teżi ta' l-intimat, talli timmilita direttament kontra tagħha;

6. Illi jekk wieħed jeżamina l-imsemmija "*European Convention*" u per eżempju l-Kostituzzjoni ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika (li t-tnejn huma fontijiet, fost oħrajn tal-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni Maltija) u d-dottrina relattiva, biex wieħed jara mill-angolu komparattiv kif isolvu din il-kwistjoni taħt diskussjoni, isib li t-teżi ta' l-intimat fir-rigward ma treġix hemmhekk. Hekk, per eżempju, l-imsemmi **Jacobs** f'paġna 228 ta' l-imsemmi *test* tiegħu jikkummenta b'dan il-mod u jiċċita awtorità għall-kummenti tiegħu;

*"The term person (personne physique in the French test)*

*includes only natural persons but an application may be brought also by any Corporate or unincorporated body. Thus applications have been brought by companies, trade unions, churches, political parties and numerous other types of body.....a corporate body has some but not all of the rights of individuals"*;

Għall-istess konklużjoni jasal **H. GOLSONG** fil-monografija tiegħu ***"La Convention europenne Les Droits de l'Homme et les Personnes morales"*** *(Brussels, 1970)* paġna 31;

*"Un grand nombre de droits garantis per la Convention europenne des Droits de l'Homme sont applicable aux "personnes morales"; seue restant exlus les droit personalises au sens concret du terme, tele que le droit à la vie"*;

Hekk ukoll, per eżempju, il-*Fifth* u l-*Fourteenth Amendment* tal-Kostituzzjoni ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika jirreferu għall-*PERSON* meta jannunċjaw id-drittijiet partikolari tutelati. Mandankollu, il-Qrati t'hemmhekk preponderatament iddeċidew li dawk id-drittijiet fundamentali huma applikabbli għall-persuni ġuridiċi. (ara: ***The Constitution of the United States of America,*** *Washington, 1973* paġna 1139 u 1316 u d-diversi sentenzi hemm iċċitati, fosthom: *"The Sinking Fund Cases (1879), Smyth vs Ames (1898), Kentucky Co. vs Paramount Exch. (1923); Liggett Co., vs Baldridge (1928);*

Din id-dottrina u ġurisprudenza stranġiera mhix qiegħda tiġi ċċitata hawnhekk sempliċement bħala eżerċizzju akkademiku iżda prinċipalment biex jiġi muri b'mod univoku li ġurisdizzjonijiet oħra ma sabu ebda *"contrary intention"* (kif imsemmi fl-artikolu 4 ta' l-*Interpretation Act* ta' Malta fuq imsemmija) li wħud mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem

japplikawhom ukoll għall-għaqdiet u assoċjazzjonijiet bħala persuni ġuridiċi jew morali;

La l-Qorti waslet għall-konklużjoni li wħud mid-drittijiet fundamentali msemmija fil-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni tagħna huma pjenament appartenenti u eżerċibbli minn persuni morali, wieħed issa jrid jeżamina l-kwistjoni jekk id-dritt tal-libertà ta' l-espressjoni protett mill-artikolu 42 ta' l-istess Kostituzzjoni, u invokat mill-Għaqda Rikorrenti fil-kawża odjerna, huwiex jew le wieħed minn dawn id-drittijiet imħaddna kemm minn persuni fiżiċi u persuni morali;

Minn eżami akkurat ta' l-imsemmi artikolu jirriżulta b'mod ċar li ma tidher ebda raġuni valida, l-ebda *''contrary intention''* fis-sens fuq indikat, għaliex l-imsemmi dritt tal-libertà ta' espressjoni ma jappartjenix ukoll lill-persuni ġuridiċi. Anzi, wieħed jista' jirrimarka li, li kieku dan id-dritt kellu jiġi mċaħħad lill-assoċjazzjonijiet, li ta' spiss jiġu fformati prinċipalment biex ixerrdu lil ħaddieħor l-ideat u t-tagħrif tagħhom, l-iskop kollu ta' l-aggruppament ta' diversi individwi f'assoċjazzjoni jintilef. Għaliex x'jiswa li tagħti lill-membri individwalment *(uti singuli)* d-dritt tal-libertà ta' l-espressjoni jekk imbagħad tiċħad l-istess dritt lill-għaqda stess li m'hi xejn ħlief il-vuċi kollettiva tal-membri?

Hawnhekk ikun utili wkoll li wieħed jiċċita l-ġurista **H. Golsong** li fil-monografija tiegħu fuq imsemmija, f'paġna 26 jasal għall-konklużjoni li d-dritt li tirċievi u tikkomunika ideat u tagħrif sanċit fl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja (li jixbah ħafna lill-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni tagħna) japplika mhux biss għall-persuni fiżiċi iżda wkoll għall-persuni ġuridiċi. **Golsong** jgħid hekk:

*"Il me parait hors de doute que "la libertè de recevoir ou de communiquex des informations ou des idees", consacreè par l'article 10 de de la Convention, s'etend non suelement aux personnes physiques mais aussi aux personnes morales, quel que soit le degrét de "personnalisation" o de "depersonnalisation" de ces dernieres. Cette conclusion qui semble s'imposer logiquement se trouve renforceè par un argument tirè de la dernierè phrase du paragraphe 1 er de l'article 10. On y lit, en effet, que "le present article n'empeche pas les Etats de soumettre les intreprises de radiodiffusion, de cinema ou de television à un regime – d'autorications". Une telle precision eut été completement superflue si la phrase precedent n'affectait en rien les personnes morales ou "enterprises". Le tribunal Civil de Bruxelles dans un jugement du 8 Novembre 1966, est d'ailleurs arrivé à la meme conclusion en invoquant l'article 10 pour regler une question relative à l'emploi d'une des langues nationales per une societé commerciale (Pasicrisie belge, 1967, 111, p. 50);*

Illi għar-raġunijiet fuq miġjuba din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-Għaqda SDM – Studenti Demokristjani bħala persuna jew enti morali għandha d-dritt tal-libertà ta' espressjoni sanċit fl-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u li l-istanza odjerna ġiet intavolata proċeduralment b'mod korrett u validu meta l-istess Għaqda rikorrenti aġixxiet *"de proprio"*. Konsegwentement l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat m'hix fondata fil-liġi;

Illi r-rikorrenti *nomine* jikkontendu li meta l-intimat, il-Kummissarju tal-Pulizija impediehom mill-jżommu l-wirja tal-*'boards'* imsemmija fir-rikors tagħhom, huwa illedilhom id-dritt fundamentali tal-libertà ta' l-espressjoni sanċit fl-imsemmi artikolu 42 tal-Kostituzzjoni billi impedixxa lill-Għaqda tagħhom milli tikkomunika l-ideat u t-tagħrif tagħha mingħajr indħil, lill-

pubbliku li riedet tilħaq bil-wirja proposta. Min-naħa tiegħu, l-intimat isostni li l-projbizzjonii tiegħu ma illedietx dak id-dritt għax it-toroq m'humiex intiżi biex fihom isiru wirjiet u huwa fl-interess ta' l-ordni pubbliku li tali lokalitajiet ma jiġux ostakolati;

Illi infatti, id-dritt tal-libertà ta' l-espressjoni – bħad-drittijiet fundamentali l-oħra kollha – m'humiex assoluti iżda limitat, fil-każ tagħha, bit-tieni sub artikolu ta' l-imsemmi artikolu 42. Għalhekk wieħed irid jara jekk l-operat ta' l-intimat kienx iġġustifika a bażi tar-ristrezzjonijiet imposti fl-istess sub artikolu;

Il-prinċipji li jirregolaw il-materja taħt diskussjoni ġew enunċjati wkoll fis-sentenza ta' din il-Qorti (ippresjeduta mill-Onor. Imħallef Spiridione Camilleri) fil-kawża fl-ismijiet: **"Il-Pulizija (Supretendent George Grech *vs* Dr. Louis Galea LL.D. u Michael Falzon, A&CE,** deċiża fit-28 ta' Ġunju 1983 u li attwalment tinsab pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali. F'dik is-sentenza jingħad hekk:

"Sabiex ir-rifjut tal-Kummissarju tal-Pulizija jitqies li kien leġittimu jinħtieġ li jkun sar skond l-awtorità ta' liġi, li jidher li kien "meħtieġ raġonevolment fl-interess ta' l-ordni pubbliku u li ma jidhirx li ma kienx "raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika";

Illi dwar l-ewwel rekwiżit, u ċjoè li r-rifjut biex ikun leġittimu jrid ikun sar skond l-awtorità ta' xi liġi, l-intimat irrefera għall-artikoli 31(f) u 33(j) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija. Illi l-ewwel sub-artikolu ċċitat ma jidhirx li hu relevanti għall-każ, għax dik id-disposizzjoni tipprospetta l-każ ta' bniedem li jikser

l-ordnijiet mogħtijin jew maħruġin mill-Pulizija biex jevitaw ingombri eċċ. Ir-rikorrenti *nomine*, fil-każ odjern, iffaċċjati birrifjut tal-Kummissarju tal-Pulizija biex ma jżommux il-wirja filfatt ma żammewhiex. Dik id-disposizzjoni setgħet kienet tkun utili għall-intimat fil-każ, per eżempju li l-wirja tkun inżammet effettivament u l-Pulizija sussegwentement tiddeċidi li twaqqafha minħabba li d-diriġenti tal-wirja ma jkunux ottemperaw irwieħhom ma' l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija intiżi biex jintlaħqu l-iskopijiet imsemmija f'dik id-disposizzjoni;

Illi l-artikolu 33(g) jipprovdi hekk:

"Ħadd ma jista', fit-toroq jew fuq it-toroq, bi xkiel, b'inkomdu, bi ħsara jew b'perikolu ta' nies oħra – (g) jingombra t-triq jew il-bankina, jew ma jħallix minn fejn in-nies tgħaddi mingħajr xkiel, jew iġorr fuq il-bankina ħwejjeġ ta' daqs kbir";

Illi, fil-fehma kkonsiderata tal-Qorti, id-dottrina u l-ġurisprudenza Ingliża ċċitata mill-intimat f'dan ir-rigward m'hix applikabbli għall-interpretazzjoni ta' l-imsemmija disposizzjoni. Dana prinċipalment peress li skond il-liġi Maltija l-ingombru, biex ikun kontra l-liġi, irid ikun effettiv, fis-sens li jkun qiegħed effettivament jikkawża "xkiel, inkomdu, ħsara jew perikolu għal nies oħra". Issa fil-każ odjern, tenut rigward tal-provi prodotti u ċ-ċirkostanzi kollha relevanti, il-Qorti rradikat fiha l-fehma li l-wirja li riedu jtellgħu r-rikorrenti *nomine* ma kienet sejra tikreja ebda ingombru effettiv. Ir-rikorrent John Lateo xehed u ma ġiex kontradett;

"Aħna deherilna illi l-*boards* tagħna kienu se jokkupaw spazju anqas milli tokkupa karozza pparkjata";

Xehed ukoll li għażlu post partikolari tal-pjazza fejn ma seta' "jkun hemm ebda tfixkil għat-traffiku". Normalment dan il-post partikolari, jew ma jkun hemm xejn jokkupah jew inkella l-post ikun okkupat b'xi karozza pparkjata". Żied jgħid ukoll:

"għażilna ħinijiet li m'humiex l-aqwa tal-*'peak hour'* għaliex evitajna r-*'rush'* li jkun hemm tal-karozzi ta' fil-għodu kmieni u ta' wara nofs in-nhar";

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi jirriżulta sodisfaċentement li l-wirja proposta mill-Għaqda SDM ma kinitx sejra tikreja l-ingombru previst mill-artikolu 33(g) tal-Kapitolu 13 għaliex ma rriżultax li raġonevolment kienet sejra tikkawża "xkiel, inkomdu, ħsara jew perikolu għal nies oħra". Għalhekk ir-rifjut tal-Pulizija għaż-żamma tal-wirja ma jirriżultax li sar taħt l-awtorità tal-liġi ċċitata mill-intimat;

Illi dwar it-tieni rekwiżit u ċjoè jekk jirriżultax jew le li r-rifjut tal-Pulizija jidher li kien "meħtieġ raġonevolment fl-interess ta' l-Ordni Pubbliku"; il-Qorti jidhrilha li m'hemmx neċessità ta' ħafna elaborazzjoni dwar il-prinċipji li jirregolaw il-materja, għaliex dawn ġew definiti fl-imsemmija sentenza **"Il-Pulizija *vs* Dr. Louis Galea *et*"** li din il-Qorti, kif issa presjeduta, bażikament taqbel magħhom. Ir-rikorrent John Lateo ma ġiex kontradett meta xehed a fol. 31;

"Nikkonferma illi l-kontenut tal-*boards* ma kien fihom xejn provokatorju fix-xena lokali";

Qabel kien xehed li l-*"boards"* kienu sejrin:

"Juru t-twemmin, l-attivitajiet u l-idejali ta' l-Għaqda

tagħna'';

U la darba jirriżulta li l-wirja proposta ma kinitx sejra tikkostitwixxi xi perikolu gravi u imminenti għall-ordni pubbliku, (anzi rriżulta li l-pulizija ddeċidew *on grounds of Policy* li ma jħallux isiru mkien u minn ħadd wirjiet bħal dawn) il-Qorti hija *tal-fehma*, anke fid-dawl tal-prinċipji enunċjati u ġurisprudenza ċċitata *fl-imsemmija sentenza li r-rifjut tal-Kummissarju tal*-pulizija ma kienx raġonevolament meħtieġ fl-interess ta' l-Ordni Pubbliku;

Illi fl-aħħarnett, dik il-Qorti rradikat fiha l-fehma li r-rifjut tal-Kummissarju tal-Pulizija ma kienx ''raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika'' fis-sens ta' l-artikolu 42(2) tal-Kostituzzjoni. Il-Qorti *tapprezza* li l-operat tal-Kummissarju tal-Pulizija kien animat mix-xewqa li t-toroq jinżammu kompletament liberi biex hekk żgur l-ordni pubbliku jinżamm. Mill-banda l-oħra però, mhux leċitu li *''ex abundantia cautelae''* tiġi magħżula bħala *''policy''* miżura li jkollha fil-prattika l-effett li tfixkel il-libertà ta' espressjoni – dritt fundamentali protett *mil-liġi suprema tal-pajjiż* – *liema dritt hu assolutament* indispensabbli għall-preservazzjoni ta' soċjetà ħielsa u demokratika;

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija ppreżentat fis-26 ta' Settembru 1984 li bih għar-raġunijiet hemm sottomessi talab li s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fl-14 ta' Settembru 1984 fir-rikors fl-ismijiet fuq imsemmija tiġi rrevokata billi jiġu milqugħa l-eċċezzjonijiet ta' l-appellant u jiġu miċħuda t-talbiet ta' l-intimat appellat bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellat;

Rat ir-risposta tar-rikorrenti appellati pprežentata fit-3 ta' Ottubru 1984;

Rat l-atti l-oħra kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet id-difensuri;

Ikkunsidrat:

Il-konvenut appellant qiegħed fl-ewwel lok jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari fuq imsemmija u għamel diversi sottomissjonijiet in sostenn tat-teżi tiegħu. In segwitu għal dawn is-sottomissjonijiet il-kwistjoni ssollevata bl-imsemmija eċċezzjoni ġiet deċiża minn din il-Qorti f'kawża oħra, ċjoè fil-kawża fl-ismijiet "Dott. Eddie Fenech Adami Kap tal-Partit Nazzjonalista u għan-nom u in rappresentanza ta' l-istess Partit Nazzjonalista *vs* il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Onorevoli Prim Ministru", fejn ġiet ikkonfermata ċ-ċaħda mill-ewwel Qorti ta' l-eċċezzjoni li d-drittijiet salvagwardati bl-artikoli 42 (illum l-artikolu 41) u 43 (illum l-artikolu 42) tal-Kostituzzjoni jappartjenu biss għall-persuni fiżiċi u fejn għar-raġunijiet hemm imsemmija ngħad espressament illi: "Id-drittijiet protetti bl-artikoli 42 u 43 tal-Kostituzzjoni jattaljaw ruħhom perfettament kemm għall-persuni fiżiċi u kemm għall-persuni morali. Mhux verosimili li qatt setgħet kienet l-intenzjoni tal-leġislatur li filwaqt li jassikura d-drittijiet ta' protezzjoni tal-libertà ta' espressjoni u ta' protezzjoni ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni lill-individwu jċaħħadhom lill-organizzazzjonijiet li jinħolqu apposta biex jiġu assikurati dawn id-drittijiet u protezzjonijiet";

Il-Qorti, kif illum ikkostitwita, taqbel mar-raġunijiet li

wassluha għall-imsemmija konklużjoni fil-kawża fuq iċċitata u għalhekk *ma tarax* li hu l-każ li tiddilunga ruħha fuq dana l-aggravju tal-konvenut appellant, liema aggravju għalhekk tirritjeni li huwa infondat;

Ikkunsidrat:

Fil-mertu l-konvenut appellant fir-risposta tiegħu ta' l-1 ta' Novembru 1983 kien issottometta li huwa bl-ebda mod ma kiser id-dritt *fundamentali tal-libertà ta'* l-espressjoni tar-rikorrenti *stante* li l-bankini tat-toroq u postijiet simili bħal pjazez m'humiex intiżi għall-iskopijiet ta' wirjiet politiċi imma huma intiżi għall-użu normali tal-pubbliku u huwa fl-interess ta' l-ordni pubbliku li tali lokalitajiet ma jiġux ristretti b'wirjiet ta' għamla politika. Huwa wkoll issottometta fil-kors tas-sottomissjonijiet orali tiegħu li r-rifjut tiegħu għall-wirja kien leġittimu billi kien sar taħt l-awtorità tal-liġi u infatti in sostenn ta' dan huwa rriferixxa għall-*artikoli 31(1)(f), illum l-artikolu 38(1)(f),* u *33(j), illum* l-artikolu 40(j) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija;

L-imsemmi artikolu 38(1)(f) jiddisponi li "Ħadd ma jista' – (f) jikser l-ordnijiet mogħtijin jew maħruġin mill-Pulizija biex jevitaw ingombri, jew molestija jew perikolu lin-nies, fit-toroq; biex jirregolaw it-traffiku tal-vetturi; jew biex jevitaw l-inkonvenjenti li jġibu l-folol qrib knejjes, teatri, qrati tal-ġustizzja, jew postijiet *oħra fejn jinġemgħu n-nies, kif ukoll f'purċissjonijiet,* ċerimonji reliġjużi jew festi pubbliċi oħra, jew waqt eżerċizzju navali jew militari, wirjiet, luminazzjonijiet, logħob tan-nar, tiġrijiet taż-żwiemel jew divertimenti oħra";

Huwa evidenti li l-artikolu fuq iċċitat qiegħed jirriferixxi għall-każ ta' min jikser l-ordnijiet mogħtijin jew maħruġin mill-

Pulizija *inter alia* biex jevitaw ingombri. Fil-każ preżenti l-provi juru *li ma kienx hemm* ebda ksur ta' xi ordni tal-Pulizija għaliex l-atturi *nomine* meta rċevew ir-rifjut tal-konvenut, ma żammewx il-wirja u kwindi ma jidhirx li l-imsemmi artikolu 38(1)(f) huwa applikabbli;

Għandu jingħad ukoll illi kif ġie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Joseph Calleja *et vs* Herbert F. Grech *noe*, 31 ta' Jannar 1955 (Kollez. Dec. Vol. XXXIX.I.83) f'każ fejn *si trattava* ta' ordni *tal-Pulizija għar-regolament* tat-traffiku kkontemplat ukoll fl-imsemmi artikolu, l-art. 38 (allura l-artikolu 31) jirrendi ħati ta' kontravenzjoni lil min jagħmel ċerti fatti, fosthom dak ta' min jikser l-ordnijiet mogħtijin mill-Pulizija biex tirregola t-traffiku kkontemplat fl-inċiż (f) ta' dak l-artikolu iżda "jibqa' dejjem il-postulat ta' xi liġi, *"enabling provision"* li taħtha jinħarġu dawk l-ordnijiet li l-ksur tagħhom l-artikolu 31 jeleva għall-kontravenzjoni. L-art. 31(f) qiegħed hemm biex jgħid *li min jikser ordni maħruġ mill-Pulizija għar-regolament tat-*traffiku jikkommetti kontravenzjoni **imma ma jmurx aktar 'l hemm biex jagħti lill-Pulizija dik is-setgħa"**. Anke għal din ir-raġuni ma jistax jingħad li r-rifjut tal-konvenut appellant kien leġittimu għax awtorizzat bl-artiokolu 38(f) (ġà 31(f);

Ikkunsidrat:

Il-konvenut appellant qiegħed *ukoll jissottometti illi r-rifjut* tiegħu kien leġittimu għaliex sar ukoll taħt l-awtorità ta' l-artikolu 33(j) illum l-artikolu 40(j) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija. Dan l-artikolu 40(j) jiddisponi li "Ħadd ma jista', fit-toroq jew fuq it-toroq, bi xkiel, b'inkomdu, bi ħsara jew b'perikolu ta' nies oħra.....(j) jingombra t-triq jew il-bankina, jew ma jħallix minn fejn in-nies tgħaddi mingħajr xkiel, jew iġorr fuq il-bankina

ħwejjeġ ta' daqs kbir'';

Biex tapplika l-imsemmija disposizzjoni tal-liġi għalhekk irid jkun hemm *inter alia* xkiel u inkomdu ta' nies oħra u dan l-ixkiel u inkomdu jrid jkun effettiv għaliex jekk ma jkunx effettiv ma jistax jingħad li hemm xkiel jew inkomdu. Il-konvenut appellant issottometta fir-rikors tiegħu ta' l-appell li xkiel jew inkomdu fi triq pubblika jista' jinħoloq min-natura stess ta' l-oġġett, per eżempju tifi ta' materjal maħmuġ fuq il-bankina, iżda dejjem jeħtieġ li l-ixkiel u inkomdu jkun effettiv;

Issa fil-każ preżenti jirriżulta li kien intiż li l-wirja ssir f'ġenb ta' pjazza. L-attur Lateo, fil-kors tax-xiehda tiegħu indika dan il-post fuq pjanta esibita u qal li l-post jiġi fil-prossimità tat-triq Oscar Zammit li hija triq residenzjali u li normalment jidħol fiha biss traffiku tar-residenti li joqogħdu fl-istess triq. Kompla jgħid l-istess attur: ''Din il-wirja xtaqna nagħmluha fil-Misraħ Ġ. Debono preċiżament f'parti li tiġi f'ġenb tal-pjazza li hemm quddiem l-entratura prinċipali ta' *'The New Lyceum'* u aktar preċiżament fil-ġenb tal-bieb prinċipali fejn hemm *sight (recte site)* li għadha mhux mibnija. Ħsibna f'dan il-post partikolari għaliex hemm dehrilna illi ma jistax ikun hemm ebda tfixkil għat-traffiku. Normalment dan il-post partikolari jew ma jkun hemm xejn jokkupah jew inkella l-post ikun okkupat b'xi karozza pparkjata''. F'dan ir-rigward ta' min josserva li l-istess konvenut xehed: ''il-lokal ta' din l-applkazzjoni mhux xi post li tista' tgħidlu prinċipali, post li jgħaddi ċertu traffiku, jgħaddi minnu traffiku li llum jieħu ċertu traffiku *(sic)* li jkun ġej min-naħa ta' Gwardamanġa.....'';

Mhux hekk biss, imma skond l-attur Lateo l-wirja kienet tikkonsisti f'ħames *boards,* kull *board* madwar metru b'żewġ

metri wiesgħa u kienu jokkupaw spazju inqas milli tokkupa karozza pparkjata. Jirriżulta wkoll mill-istess attur li l-wirja kienet sejra ssir f'ħinijiet li fihom jgħaddu inqas karozzi;

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tarax li jista' jingħad li bil-proposta wirja kien se jkun hemm xi ingombru effettiv tal-lokal. Il-wirja kienet sejra ssir f'ġenb ta' pjazza fejn jgħaddu ftit karozzi, kienet ta' entità żgħira ħafna u kienet sejra ssir f'ħinijiet meta jkun hemm inqas traffiku, mhux fir-"*rush hour*". Isegwi għalhekk li l-konvenut appellant ma *jistax jippretendi* li r-rifjut tiegħu kien leġittimu għax awtorizzat bl-artikolu 40(j) fuq iċċitat;

L-ordni pubbliku ma kienx jirrikjedi tali rifjut u lanqas ma tara l-Qorti li fiċ-ċirkostanzi fuq imsemmija jista' jingħad li r-rifjut kien raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika. Id-dritt ta' espressjoni, protett b'disposizzjoni espressa tal-Kostituzzjoni, ma jistax jiġi nnegat liċ-ċittadin jew lill-għaqda ta' ċittadini meta lanqas biss jirriżulta li kien ikun hemm xi ingombru effettiv kieku l-wirja saret jew li r-rifjut kien neċessarju għal raġunijiet ta' ordni pubbliku;

*In vista* tal-konklużjoni fuq raġġunta mill-Qorti hija ma tarax li hu l-każ li tidħol fi kwistjonijiet oħrajn imsemmija mill-partijiet, fosthom anke dawk jekk fil-fatt saritx talba għall-persuna għall-wirja u jekk dan il-permess kienx jeħtieġ;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u *tikkonferma* s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.